

Brussell, 28 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11658/22

DENLEG 61
FOOD 50
SAN 477

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	27 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D08175/3
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tas-sustanzi perfluworoalkilati f'ċerti oġġetti tal-ikel

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D08175/3.

Mehmuż: D08175/3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANTE/11183/2018 Rev. 1
(POOL/E2/2018/11183/11183R1-
EN.docx) D082175/03
[...] (2022) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tas-sustanzi perfluworoalkilati f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tas-sustanzi perfluoroalkilati f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006² jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) L-aċidu perfluoroottan sulfoniku (PFOS), l-aċidu perfluoroottanojku (PFOA), l-aċidu perfluorononanojku (PFNA) u l-aċidu perfluoroeżan sulfoniku (PFHxS) huma sustanzi perfluoroalkilati (PFASs), li huma, jew li ntużaw, f'bosta applikazzjonijiet kummerċjali u industrijali. L-użu mifruż tagħhom, flimkien mal-persistenza tagħhom fl-ambjent, irriżulta f'kontaminazzjoni ambjentali mifruża. Il-kontaminazzjoni tal-ikel b'dawn is-sustanzi hija prinċipalment ir-riżultat tal-bijoakkumulazzjoni fil-ktajjen tal-ikel akkwatiċi u terrestri u d-dieta hija s-sors ewlieni tal-esponiment għall-PFASs. Madankollu, anke l-użu ta' materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel u li fihom il-PFASs x'aktarx li jikkontribwixxi għall-esponiment tal-bniedem għalihom.
- (3) Fid-9 ta' Lulju 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni dwar ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem relatat mal-preżenza tas-sustanzi perfluoroalkilati fl-ikel³. L-Awtorità kkonkludiet li l-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS jistgħu jikkawżaw effetti fuq l-iżvilupp u jista' jkollhom effetti avversi fuq il-kolesterol fis-seru, fuq il-fwied u s-sistema immunitarja u fuq il-piż fit-twelid. Hija qieset l-effetti fuq is-sistema immunitarja bħala l-aktar effett kritiku u stabbiliet doża tollerabbli fil-ġimgħa (TWI) ta' 4,4 ng/kg ta' piż tal-ġisem fil-ġimgħa għas-somma tal-PFOS, tal-PFOA, tal-PFNA u tal-PFHxS, li tiproteġi wkoll kontra l-effetti l-oħra ta' dawk is-sustanzi. Hija kkonkludiet li l-esponiment ta' partijiet mill-popolazzjoni Ewropea għal dawk is-sustanzi jaqbeż it-TWI, u dan huwa inkwetanti.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi fl-ikel għal dawk is-sustanzi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

¹ ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

³ Il-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel (CONTAM); Scientific opinion on the risk to human health related to the presence of perfluoroalkyl substances in food. *EFSA Journal* 2020 ; 18(9):6223, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2020.6223>.

- (5) Jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli għall-operaturi tan-negozji tal-ikel biex ikunu jistgħu jadattaw għal-livelli massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (6) Filwaqt li jitqies li ċerti oġġetti tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament għandhom ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa twila, l-oġġetti tal-ikel li tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness imqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2023, jistgħu jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tagħhom jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN